# IL-KITBA TAL-KLIEM MILL-INGLIŻ FIL-MALTI

... LEJN ID-'DEĊIŻJONIJIET 2'

## PRINĊIPJI U PROPOSTI

### PRINĊIPJI

1. Il-kliem mill-Ingliż jidħol biss meta l-Malti ma jaqdiniex.
2. Teżisti differenza fl-aċċettabilità bejn il-lingwa miktuba u l-lingwa mitħaddta.
3. Mhux kull kelma li mal-ewwel daqqa t'għajn tidhrilna żejda, tkun bilfors żejda.
4. L-integrazzjoni lessikali hija determinanti: l-ortografija ssegwi.
5. Kelma mill-Ingliż jista' jkollha aktar minn pronunzja waħda.
6. Lejn ortografija aktar matura: qafas li jevita l-ħtieġa tal-listi u jiffoka fuq l-għażla tal-kittieb u l-konsistenza.

### IS-SITWAZZJONI PREŻENTI

**Kif qed niktbuh il-kliem mill-Ingliż?**

- **niktbuh la Maltija**
  eż. swiċċ, rawndebawt, kowt, tim
- **inħalluh miktub bl-Ingliż u nimmarkawh**
  eż. *switch*, "roundabout", 'coat', *team*
- **ċertu kliem niktbuh la Maltija u kliem ieħor niktbuh bl-Ingliż**
  eż. switch, roundabout, kowt, tim
- **xi kliem niktbuh parti bil-Malti u parti bl-Ingliż**
  eż. switchijiet, coatijiet, teamijiet
- **niktbu l-kelma la Maltija iżda nkunu influwenzati xorta waħda mill-Ingliż**
  eż. switċ, rawndabout, komputer

### IL-POSSIBILITAJIET IKKUNSIDRATI

1. Il-kelma niktbuha bl-ortografija Maltija għalkollox kif jippronunzjawha l-Maltin.
2. Il-kelma nħalluha bl-ortografija Ingliża għalkollox.
3. Fil-kitba tal-Malti nħalltu ż-żewġ sistemi, il-Maltija u l-Ingliża, kemm
   (i) bejn kelma u oħra, kif ukoll
   (ii) fi ħdan kelma waħda.

### PROPOSTI

Jidher li l-ebda waħda mill-possibilitajiet imsemmija ma tipprovdi waħedha soluzzjoni sħiħa għal din l-isfida - ikun għaqli li nfittxu s-soluzzjoni f'kompromess.

1. Il-kliem li jieħu forma grammatikali Maltija jibqa' jinkiteb la Maltija.

2. Il-konsistenza fil-kitba hija importanti u titlob li s-suriet kollha tal-istess nom jew tal-istess verb kemm jista' jkun jinkitbu bl-istess zokk, kemm jekk dan jinkiteb la Maltija u kemm jekk jinkiteb la Ingliża.

   | eż. nom singular | > | nom plural |
   |---|---|---|
   | brejk | > | brejkijiet/brejks |
   | JEW brake | > | brakes |

   Dan ma jfissirx li zokk ta' **verb** miktub la Maltija jrid bilfors jinkiteb hekk fin-**nom** ukoll. Għalhekk, mill-istess zokk jista' jkollna:
   **In-nom:** scanner/skener
   **Il-verb:** skenja, niskenja, skenjajt
   **In-nom verbali:** skenjar, scanning/skening
   **Il-parteċipju passiv:** skenjat, skenjata, skenjati

3. L-għażla tiktibx kelma bl-Ingliż jew la Maltija hija f'idejn il-kittieb, u din tikkonċerna l-aktar il-kitba tan-nomi
   eż. computer/kompjuter, helicopter/ħelikopter, file/fajl

4. Ħlief għal xi kliem li ndara jinkiteb la Maltija, kliem li:
   (i) il-forma ortografika Maltija tiegħu titbiegħed wisq minn dik Ingliża
   eż. junjin/unjin (union), ħoki (hockey), xater (shutter); u
   (ii) kliem kompost minn żewġ kelmiet
   eż. windskrin (windscreen), xokebżorber (shock absorber), fajerekstingwixer (fire extinguisher),

   nissuġġerixxu li jitħalla miktub bl-Ingliż.

**Għal aktar diskussjoni...**

1. **Nimmarkawh jew le?**
   Jidher li huwa possibbli li f'test bil-Malti se jkunu qed jintużaw żewġ sistemi ortografiċi differenti, imqar fl-istess frażi jew sentenza.

   Għaldaqstant, trid tittieħed deċiżjoni hux se nimmarkaw il-kliem li se nħallu miktub bl-Ingliż.

Xi mistoqsijiet għad-diskussjoni:

- Jekk il-kliem kollu mill-Ingliż li se jinkiteb fil-forma oriġinali tiegħu **mhux se nimmarkawh**, dan se jkollu xi effett fil-qasam edukattiv, l-aktar fil-każ tat-tfal iż-żgħar?
- **Jekk se nimmarkaw** il-kliem miktub bl-Ingliż, dan se jidher ikrah fil-għajn fuq paġna stampata, fil-kartelluni jew fir-reklami?
- **Jekk se nimmarkaw** dan il-kliem, kif se nimmarkawh (i) meta qed nistampaw dokument u (ii) meta qed niktbu?

2. **Verbi li fil-pronunzja Maltija joffru żewġt izkuk alternattivi**
   Għandna xi verbi li fil-Malti l-mamma tagħhom jista' jkollha żewġ pronunzji differenti:

- hemm min jitfa' l-aċċent tal-kelma fuq l-ewwel sillaba u allura z-zokk jinstema' b'konsonanti waħda fit-tarf:

eż. ippanikja (jip**panik**ja, nip**panik**jaw, ip**panik**jajtu)
ibbaġitja (jib**baġit**ja, jib**baġit**jaw, ib**baġit**jajna)

- hemm min iwaqqa' l-aċċent fuq it-tieni sillaba u jqawwi l-ħoss tal-aħħar konsonanti

eż. ippanikkja (jip**panikk**ja, nip**panikk**jaw, ip**panikk**jajtu)
ibbaġittja (jib**baġitt**ja, jib**baġitt**jaw, ib**baġitt**jajna)

Fil-kitba, għandha tingħażel forma waħda għall-konsistenza? Jekk iva, liema forma:

(i) ippani**k**ja/ippeni**k**ja, ippani**k**jat, ippani**k**jar?
(ii) ippani**kk**ja/ippeni**kk**ja, ippani**kk**jat, ippani**kk**jar?
(iii) ippani**k**ja/ippeni**k**ja, ippani**kk**jat, ippani**kk**jar?
(iv) ippani**kk**ja/ippeni**kk**ja, ippani**k**jar, ippani**k**jat?

3. **Moratorju**
   Il-Kunsill beħsiebu jħalli perjodu ta' tranżizzjoni qabel ma d-'Deċiżjonijiet 2' jidħlu fis-seħħ b'mod uffiċjali sakemm kull min hu interessat ikun infurmat fuqhom.

   Kemm taħseb li għandhom jingħataw snin?

Tagħrif ieħor b'rabta mas-seminar issibu fis-sit tal-Kunsill tal-Malti **www.kunsilltalmalti.gov.mt.**

Tista' tagħti l-opinjoni tiegħek fuq dawn il-proposti u t-tliet punti għad-diskussjoni **sas-Sibt, 2 ta' Lulju**, billi tikteb fl-indirizz **kunsilltalmalti@gov.mt**. Wara li jikkunsidra l-opinjonijiet kollha li ħarġu fis-seminar u dawk li se jidħlu sad-data msemmija, il-Kunsill se jippubblika d-dokument uffiċjali finali bid-'Deċiżjonijiet 2'.

Grazzi tas-sehem tiegħek.
**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

**NOTI**